MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2181/2002

***Randolph Camilleri Surveys Limited***

***vs***

***Adrian Busietta u Busietta Gardens Madliena Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm575) rappresentanti xoghol ta' *"land and engineering surveying*" debitament esegwit favur il-konvenuti fuq rikjesta taghhom, ghal liema somma s-socjeta' attrici ghad mhux imhallsa u dana kif jidher minn prospett anness ma' l-avviz u mmarkat bhala Dokument A. u dana rigward fattura datata 18 ta' Settembru 2001.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-4 ta' Jannar 2002 u tat-2 ta' Settembru 2002, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2002 (Dokumenti B, C u D,

annessi ma’ l-avviz) u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Luigi Sansone, ghas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm575), u bl-imghaxijiet mit-18 ta’ Settembru 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji ta’ l-4 ta’ Jannar 2002 u tat-2 ta’ Settembru 2002, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Marzu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------